# Beati u Qaddisin ...Frar

16 ta' Frar  Beatu Giuseppe Allamano

Giuseppe Allamano kellu lil San Giovanni Bosco bhalla ghalliem tieghu u San Guzeppi Cafasso kien zijuh minn naha t'ommu. Twieled fil 21 ta' Jannar 1851 gewwa Castelnuovo d'Asti. Wara l-istudji tieghu huwa sar sacerdot f'Turin ta' 22 sena, ha l-lawra fit-teologija sena wara, ta' 25 sena gie mahtur direttur tas-seminarju u meta kellu 29 sena lahaq rettur tas-santwarju tant ghaziz ghan-nies ta' Turin, La Consolata.



Is-santwarju kellu bzonn ta' riorganizzazjoni u restawr imma b'hidma kbira irnexxilu jqieghed fuq saqajh is-santwarju. Bhal zijuh kellu hila li jsahhah il-karattri ta' dawk li xtaqu jsiru sacerdoti.

Hafna kienu li bis-sahha tieghu hargu sacerdoti missjunarji. Huwa fetah istitut tal-missjunarji tal-Konsolata imma mhux minghajr ma kellu hafna problemi u tfixkil. Bizzjjed nghidu li dam jistenna biex il-progett tieghu isehh, ghal madwar ghaxar snin. Il-hidma tieghu halliet il-frott ghaliex sena wara li fetah l-istitut baghat l-ewwel missjunarji fil-Kenja. Tmien snin wara waqqaf is-sorijiet missjunarji tal-Konsolata. Minhabba l-injoranza tal-fidili fuq il-missjoni huwa ppropona lil Piju X biex iwaqqaf jum missjunarju annwali .

Kellu jkun jum li fih il-knisja tinforma lil fidili fuq il-mod kif ixxerred il-fidi fost dawk nieqsa minnha. Izda il-pjan tieghu ma qabadx art ghax faqqet il-gwerra tal-Balkani. Izda ghadda z-zmien u Piju XI pogga fil-prattika l-idea ta' Guzeppi Allamano u fis-sena 1927 waqqaf il-Gurnata mondjali Missjunarja. Huwa kien diga miet imma l-idea tieghu hadet il-hajja. Il-motto tieghu kien dan: It-tajjeb ghamluh tajjeb.

Ried li dawk li kienu tieghu jkunu esperti fil-materji ta' xjenzi ohra barra dik evangelika. Kien jghid lis-sacerdoti tieghu : " Sacerdot injurant huwa oggett ta' dwejjaq, id-dezolazzjoni tal-poplu u oggett tal-korla t'Alla. " Miet f'Turin fis-16 ta' Frar 1926 u sar beatu fil-1990.